MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 1517/2010

Mobisle Communications Limited (C24655).

Vs

Diane Debattista (Id 50414A)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' hames mija u sitta u tmenin ewro u hamsa u disghin centezmu (€586.95) minghand il-konvenuta, rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut minnu ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilha fuq kuntratt bin-numru 456879. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta' hames mija u sitta u tmenin ewro u hamsa u disghin centezmu (€586.95) bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------